IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru36 (sitta u tletin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret online nhar it-Tlieta 8 ta' Ġunju, 2021, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**36.1. Item Nru 36.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

36.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.10pm u kulħadd kien preżenti.

**36.2. Item Nru. 36.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-Minuti ġew moqrija u kien hemm korrezzjoni kif ġej:

Minuta 35.4.6 Tizdiet li "hi periklu ghan nies" u l-hajt li qieghed ta' periklu ghan nies madwar il-kamra.

Wara din il-korrezzjoni l-Minuti ġew approvati unanimament.

**36.3 Item Nru. 36.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

36.3.1 Is-Sindku qal li dwar il-Proġett tal-Jogging track u l-ħadid tax-xatt għadna nistennew it-technical specs m' għand il-Perit Bezzina. Dawn kif jaslu għandna nibgħatuhom Infrastructure Malta sabiex joħorġu t-tender.

36.3.2 Is-Sindku qal kien hemm skema tal-LESA u applikajna għal bankijiet ġodda max-xatt kif ukoll applikajna għal CCTV cameras.

36.3.3. Is-Sur Attard qal ukoll li applikajna għal skema tad-DLG fuq rinnovar ta' Bandli għal bandli tax-xatt.

36.3.4 Is-Sindku qal li dwar il-bandli ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja il-Perit Bezzina għadu ma bediex ix-xoghol fuq l-applikazzjoni tad-Development Funds.

36.3.5 Is-Sindku qal li wara laqgħa tar-Regjun kien hemm qbil li jiġu assenjati 2 ħaddiema mal-Kunsill tax-Xgħajra inaddfu ix-xatt u jaqtgħu il-ħaxix.

36.3.6 Is-Sur Attard tenna li taħt il-Bandli ta' Triq il-Fortizza ta' Grazzja qed isiru xi abbużi u naraw kif nistgħu nagħlqu aktar b'injam, nagħmlu tabelli evidenti aktar u nirranġaw il-cameras.

Dwar il-multipurpose hall is-Sindku qal li kellu laqgħa mad-Direttur tal-Gvern Lokali Chris Galea u dan ma jsibux oġġezzjoni li jinkera lil Privat pero irridu naraw kif inġeddu l-Kuntratt li għandna fil-preżent mal-Lands Department tad-Devoluzzjoni għaliex ser jiskadi fis-sena 2024.

36.3.7 Is-Sindku qal li fuq is-Slip way ta' taħt Triq l-Ispnott irridu naraw kif ninfurzaw iktar li ma jinżlux jipparkjaw il-karozzi għalhekk wara diskussjoni minħabba li ma tistax tingħalaq kompletament isiru tabelli ġodda aktar evidenti.

**36.4 Item Nru 36.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

36.4.1 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet jekk jistax jinqata' l-ħaxix ta' Triq Orlando Zabbar mil-kennies għaliex qiegħed ikraħ. Is-Segretarju qal li ser ikellem lil Kuntrattur.

36.4.2 Is-Sur Raymond Camilleri staqsa jekk nistgħux nibgħatu lill-Ministru biex ikollna patrol aktar spiss max-xatt. Is-Segretarju qal li għandu jkollna laqgħa mal-ispettur fil-ġimgħat li ġejjin u nitkellmu miegħu qabel xejn.

36.4.3 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk nistgħux nagħmlu pots bil-fjuri fi Sqaq San Lawrenz. Is-Sindku qal li nistgħu nagħmlu milli għandna l-bojod.

36.4.4 Rosabelle staqsiet dwar il-ħajt ta' max-xatt jekk kienx hemm xi zvilupp. Is-Segretarju qallha li wara li tkellem mal-Public Works dawn talbuh kuntatt tar-resident u jiltaqghu miegħu. Għalhekk mistenni li Rosabelle taddi dan il-Kuntatt u jitkellmu miegħu.

36.4.5 Is-Sur Valvo staqsa fuq il-Kuntratt tad-devoluzzjoni meta ser inġedduh. Is-Segretarju qal li bgħat lil Lands sabiex iġib aktar tarif.

36.4.6 Is-Sur Valvo staqsa meta ser ikollna laqgħa mal-Water Services għaliex ir-riħa hija ta’ kuljum u hawn ħafna tgergir.

36.4.7 Is-Sa Doris Borg staqsiet jekk nistgħux nizbru s-siġar ta’ Triq l-Iskola għaliex qiegħed goff ħafna. Is-Segretarju qal li ser jassenja l-ħaddiem dil-ġimgħa u jsir.

36.4.8 Is-Sa Borg staqsiet jekk nistgħux nitolbu laqgħa mal-kap tal-iskola tax-Xgħajra u naraw fejn nistgħu naħdmu flimkien għal ġid tat-tfal.

36.4.9 Is-Sa Borg staqsiet jekk jistax isir fence mar-railing li ghadu kif sar minħabba sigurta. Is-Segretarju qal li ser jassenja dan ix-xogħol lil ħaddiema.

**36.5 Item Nru. 36.5 fuq l-Aġenda – Rapporti Finanzjarji**

36.5.1 Ir-rapport ser jiġi approvat f’laqgħa oħra.

**36.6 Item Nru. 36.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

36.6.1 L-items l-oħra ġew mitkellma aktar il-quddiem.

**36.7 Item Nru. 36.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;**

36.7.1 Pagamenti b’numru 103 ġew approvati unanimament.

**36.8 Item Nru. 36.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

36.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**36.9 Item Nru. 36.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

36.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.30pm

Aġġornament għal-nhar it-Tlieta 27 ta’ Lulju, 2021

| | |
|---|---|
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |